MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Numru. 294/2011

**Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Denis Cremona ta’ 35 sena, iben Paul u Carmen nee Azzopardi, mwieled Pieta fit-23 ta’ Lulju 1975, residenti gewwa Blk 13 Flt 2, Triq il-Pitkali, Marsa u detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 365475M**

**John Mamo ta’ 26 sena, iben John u Alfrida nee Abela, mwieled Pieta fl-10 ta’ Marzu 1984, residenti gewwa 13, Triq Azzopardi, Marsa u detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 146384M**

**Maruska Mamo ta’ 28 sena, bint Albert u Eugenia nee Zammit, mwielda Pieta fil-25 ta’ Settembru 1982, residenti gewwa 13, Triq Azzopardi, Marsa u detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 520882M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Denis Cremona, John Mamo u Maruska Mamo li permezz taghha huma gew akkuzati talli gewwa San Giljan,nhar l-04 ta' Frar 2011, ghal habta ta' nofsinhar neqsin hames minuti (11.55hrs), gewwa ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serq minn fuq il-persuna ta' Michie Moriguchi, wrew dan il-hsieb b'atti estreñí u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Michie Moriguchi;

Lil Denis Cremona wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai Termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputatiliema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati u l-fatt illi huma ikkoperaw mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom. Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputati diga ikkommettew reati simili u sahansitra ftit tal-granet ilu tressqu l-Qorti fuq akkuzi bhal

dawk odjerni fejn sahansitra wiehed mill-imputati tqieghed taht ordni ta' probation. Jidher ukoll illi l-imputati ghandhom problema serja ta' droga li ghandha tigi indirizzata minnufih u ghalhekk ghalkemm il-Qorti ser tinfliggi piena karcerarja effettiva qeghda tappella lid-Direttur tal-Habs sabiex jara illi t-tlett imputati jghamlu uzu mill-perjodu li ser jinzammu taht detenzjoni huma jattendu programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(c), 276, 277(a), 41(1)(a), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom sena prigunerija b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs biex l-imputati jattendu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-senmtenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin

Finalment l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------